# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 2023**

**Talba Nru: 40/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Josephine s*ive* Josianne Zammit [KI 338070M]**

**Vs**

**Neville Falzon [KI 121581M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2020[1], permezz ta' liema l-attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jħallas l-ammont ta' tlett elef, ħames mija, sitta u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€3,526.35ċ) rappreżentanti self *brevi manu* kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenut tal-25 ta' Frar 2020[2] fejn eċċepixxa li huwa għamel żmien jikkoabita ma l-attriċi peró fl-ebda mument ma silfitu xi flus;

Ra d-digriet mogħti mill-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Sema' x-xhieda in eżami tal-attriċi[4] u ra d-dokumenti annessi;

Ra n-nota tal-attriċi kontenenti aktar dokumenti[5];

Sema' l-kontro-eżami tal-attriċi[6];

Sema' l-kontro-eżami tal-konvenut[7];

Ra li għalkemm l-kontendenti ingħataw diversi opportunitajiet sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-fomm, l-istess baqgħu karenti. Għalhekk ġie ordnat lit-trattazzjoni finali issir bil-mod skritt[8];

Ra li l-attriċi naqset milli tħejji tali nota.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenut[9];

---

[2] A fol 6 tal-proċess.
[3] A fol 14 tal-proċess.
[4] Magħmula waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2021. Xhieda relattiva tibda a fol 23 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 30 *et seq* tal-proċess.
[6] Magħmul waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2021; Xhieda relattiva tibda a fol 76 tal-proċess.
[7] Magħmul waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 85 tal-proċess.
[8] Verbal relattiva jinsab a fol 99 tal-proċess.
[9] Din tibda a fol 101 tal-proċess.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attriċi xehdet *viva voce* in eżami[10]. Hawnhekk tispjega li hija kienet f'relazzjoni mal-konvenut bejn Settembru tas-sena 2019 u Jannar tas-sena 2020. Tgħid li l-konvenut kien dejjem jitlobha l-flus, hija kienet tgħaddilhomlu iżda huwa ċatt ma ħallas xejn. L-ammonti għaddew dejjem fi flus kontanti. Ġew eżebiti messaġġi li juru li l-konvenut li kien dispost iħallas. Ikkonfermat il-lista ta' ħlasijiet li saru, li wkoll jinsabu eżebiti. Tgħid li qatt ma għexu flimkien. Tgħid li dejjem kien jgħidilha li kien sejjer jgħaddilha l-flus lura.

Illi in kontro-eżami[11] tispjega li hemm xi affarijiet, bħas-safar, li kienu ftehmu bejniethom iżda l-konvenut kien jgħid li kien sejjer iħallasha lura. Jgħid li meta dan kien imur biex iħallas xi ħaġa bil-*card*, dejjem kien ikun hemm xi problema. Dwar xi kont mal-Melita tgħid li hija ħallset sabiex ikun jista jifaħ kont għax ma kellux flus. Huwa minnu li l-konvenut offra li jħallas tar-roti. Kien hemm appuntament sabiex hija tgħaddilu l-lista tal-affarijiet iżda fuq parir tal-avukat, hija ma marritx. Qatt ma kien hemm menzjoni ta' żwieġ. In ri-eżami magħmul fl-istess seduta terġa tikkonferma l-messaġġi eżebiti.

[10] Xhieda relattiva tibda a fol 23 tal-proċess.
[11] Magħmul fis-seduta tal-4 ta' Novembru. Dan jibda a fol 76 tal-proċess.

Illi l-konvenut xehed in eżami permezz t'affidavit[12]. Hawn jgħid li huwa kien joħroġ mal-attriċi minn Novembru 2019 u Jannar 2020. Jgħid li qatt ma talab flus jew xi affarijiet oħra għaliex kienet l-attriċi li kellha grazzja miegħu. Jgħid li l-vjaġġi li saru ma kienux b'kunsultazzjoni miegħu iżda kienu biss ix-xewqa tal-attriċi. Dwar l-ammonti utilizzati għat-*tyres* tal-vettura tiegħu jgħid li huwa kien lest jirrimborsa lill-attriċi iżda din ma riditx. Vera li kienu ftehmu sabiex iħallas dawn il-flus lura, iżda l-attriċi ħasret l-appuntament. Jgħid li kienet tħallas kollox minn jeddha.

Illi in kontro-eżami[13] jgħid li qatt ma kienu f'relazzjoni serja. Anzi, jgħid li kienu biss ħbieb. Jgħid li huwa minnu li siefru iżda hu qatt ma ried. Ħallset l-attriċi u hu mar kontra qalbu. Jikkonferma l-messaġġi eżebiti. Jgħid li anke għandu messaġġi iżda l-mobile inkisirlu. Kien dejjem lest li jħallas tat-tyres. Jaċċetta li kien hemm ammonti oħra iżda huwa qatt ma talabha flus. Dwar ir-roti, jgħid li l-attriċi ma riditx il-flus wara li ntemmet il-ħbiberija. Imbagħad jerġa jgħid li ġieli tatù xi ħaġa iżda hu ħallas lura. Jgħid li dan kien għaliex il-paga tiegħu ma kinitx isservi. In ri-eżami imbagħad jgħid li ma kienx ħallasha lura għall-affarijiet kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi magħmul dan ir-riassunt, t-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikolu 1842 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[14]. F'dan il-każ is-self kien magħmul mill-flus u għalhekk jgħodd dak li jrid l-artikolu 1844(1)

[12] Dan jibda a fol 74 tal-proċess.
[13] Magħmul fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 85 tal-proċess.
[14] Dan l-artikolu jgħid hekk: *"l-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità."*

tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[15]. Bħala daħla wkoll, irid jingħad li dan il-kuntratt ma jirrikjedix skrittura sabiex ikun jiswa[16], din tista tkun bil-fomm[17]. Hija biss l-wiegħda ta' self li timponi il-ħtieġa ta' skrittura[18].

Illi din il-kawża titratta l-fatt ta' jekk l-ammont mitlub mill-attriċi f'dawn il-proċeduri għandhomx bħala bażi tiegħu titolu ta' self. Tassew, jingħad li kawżi simili jinqalaw ta' spiss, speċjalment bejn kontendenti li jkunu f'relazzjonijiet simili[19].

Illi għalkemm l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut ma hijiex ċara, mill-andament tal-kawża jidher lid-difiża tiegħu tiċċentra fuq il-fatt li l-ammonti żborzati kienu forma ta' rigal jew donazzjoni. Dan jirrepetieħ kemm il-darba fix-xhieda tiegħu, għalkemm kif sejjer jingħad aktar tard din kienet inkonsistenti għall-aħħar.

---

[15] Dan l-artikolu jgħid hekk: *"L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt".* L-awtur Francesco Ricci mbagħad, fl-opra tiegħu **Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile** jamplifika hekk: *"il debitore adempie la sua obbligazione, restituendo tante monete, sieno esse della stessa specie di quelle ricevute, o di specie diverse, quante ne occorrono a rappresentare la somma numerica o valore legale delle monete ricevute in prestito."* – Vol X, Titolu XII, Capo 1, a fol 346, III ediz, 1923, UTET.

[16] *Vide* f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Simon Parnis vs Benedetta Meilak et,** (Ċit Nru: 1306/2007) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Frar 2009 (mhux appellata).

[17] *Vide* f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud vs Mariano D'Amato,** (App Ċiv Nru: 1797/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2006.

[18] Artikolu 1233(1)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[19] Tinħass il-ħtieġa lit-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Galea vs Alice Agius,** (App Ċiv Nru: 422/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010. Dan kemm minħabba dak għar-rakkolta ġurisprudenzjali u dottrinali hemm magħmul b'fatti simili għal dawk odjerni, iżda wkoll għas-senjalazzjoni ta' dik il-Qorti magħmula bis-segwenti mod: *"L-esperjenza tghallem illi x-xorta ta' self hawn ikkontemplat huwa anke familjari fost koppji ta' namrati, gharajjes jew f'relazzjoni amoruza. L-ezemplari fir-rigward mill-gurisprudenza huma numeruzi. Ara "Maria Dolores Spiteri -vs- Mark Caruana", Appell Superjuri, 19 ta' Gunju, 2001 u "Raymond Avallone -vs- Therese Agius", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 2004 u l-bosta decizjonijiet f'din ta' l-ahhar kompendjati. Dan qieghed jigi rilevat in kwantu wkoll fil-kaz prezenti l-kontendenti kienu f'relazzjoni konsimili, kif hekk minnhom it-tnejn accettat u ammess"*

Illi l-azzjoni tal-attriċi hija rikjam lill-konvenut sabiex dan irodd lura ammonti żborsati minnha fl-interess tiegħu. Huwa ben aċċettat li dan it-tip ta' kuntratt (f'dan il-każ verbali) jista dejjem jiġi deżunt minn provi ċirkostanzjali jekk dawn jikkonvinċu lil min hu mitlub jiġġudika[20]. Huma tnejn l-elementi li għandhom jiġu pruvati u ċioé, *it-traditio rei* u li l-aċċettazzjoni ssir bl-obbligazzjoni tar-restituzzjoni[21].

Illi bħala punti ġenerali tajjeb jingħad li min jallega d-donazzjoni (kif donnu jrid il-konvenut) għandu l-oneru, mhux faċilment skartat, li jipprova l-istess. Meta din il-prova hija hekk mankanti, allura d-donazzjoni ma tistax tiġi preżunta, anzi għandha titwarrab. Wara kollox, dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal-massima *in dubio autem donatio non praesumitur*[22]. Id-dubju għandu jmur kontra minn jallega d-donazzjoni[23]. Huwa propju għalhekk, li, dejjem salv għal dak li jipprovdi is-subinċiż tnejn (2) tal-artikolu 1753 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta'

---

[20] B'senjaletika tajba, fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet għas-sentenza fl-ismijiet **Perit Ondre Camilleri vs Leslie Corney**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn intqal li "*li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li minn naha tieghu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta` kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju"*.

[21] F'dan is-sens, issir referenz għas-sentenza fl-ismijiet **John Muscat *et* vs Pacifico Bonniċi *et*,** (Ċit Nru: 745/1994/1), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-19 ta' Jannar 2005 fejn ġie mfakkar hekk: *"Mill-premessa tifsira li l-ligi taghti lill-kuntratt bhal dan hu ovvju illi l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-hwejjeg minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt, u cjoe t-traditio rei ossija f' dan il-kaz, il-konsenja tal-flus, u, inoltre, li din il-konsenja giet effettwata b' titolu li jimporta lobbligu fl-accipiens li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Huwa biss meta jirrizultaw accertati dawn izzewg elementi tal-fatt kostituttiv tal-pretiza illi jista' jinghad illi l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju nkombenti fuqu"*

[22] F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Reuben Farrugia *noe* vs Tessa Pisani,** (Ċit Nru: 1413/1996/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' April 2010.

[23] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mohammed Dau Akaari vs Kevin Lungaro Mifsud *et*,** (App Ċiv Nru: 510/2009/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mogħtija nhar is-26 ta' Novembru 2014.

Malta, li l-liġi nostrana tirrikjedi ċertu solennità sabiex jiġi mħejji u magħmul kuntratt ta' donazzjoni[24].

Illi d-difiża tal-konvenut sejra tfalli. Rinfaċċjat b'xhieda u dokumenti li jimmiltaw kontriħ ma jgħid xejn dwarhom salv għal-fatt li qatt ma kien ngħata kopja tagħhom qabel. Ġialadarba l-attriċi ħejjiela turi l-bażi tal-azzjoni tagħha, kellu d-dover jirribatti l-istess. Huwa magħruf li l-oneru f'kawża jista joxxilla bejn il-partijiet[25] u għalhekk fil-ħin li l-konvenut kien jaf bl-eżistenza ta' dawn il-provi, kellu d-dover jikkumbatti bil-mezzi disponibbli għalih dak ppruvat fil-konfront tiegħu. Għal dan it-Tribunal, l-aċċettazzjoni tiegħu magħmula b'messaġġ fuq *WhatsApp,* għandha tingħata applikazzjoni għal dak li jrid l-artikolu 632(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[26]. L-istess jingħad għal-applikabilitá tal-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[27], magħdud f'dan il-każ, ma dak li jrid l-artikolu 694 tal-istess Kapitolu[28].

---

[24] Il-ġurist **<u>Francesco Ricci</u>** dwar dan jgħid jekk: "*Or, perché la legge esige che le donazione si facciano per atto pubbliċi? Perché, lo abbiamo gia accennato, il legislatore grandement diffida delle liberalitá che possono procedere da moventi meno che onesti, o da determinazione dell'animo non troppo libera e spontanea. Esigendo il legislatore l'intervento del pubbliċi ufficiale e dei testimoni nell'atto di donazione, egli non solo si assicure che il piu delle volta i contraenti non oseranno porsi al cospetto degli uni e dell'altro ove non siano animati da fini onesti; ma, quel che piu monta, ha in siffatto intervento la guarentigia la piu sicura della piena spontaneitá dell'atto che si compie, essendoché mal si potrebbe tener celata e al notai ed ai testimoni, che conoscono perfettament le parti contraenti, la coazione cha l'una di esse, od anche un terzo, avesse sull'altra esercitata."* – Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol V, III ed, UTET, 1923.para 224, a fol 456.

[25] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil,</u>** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu."*

[26] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijietjew obbligi, jistgħu jingiebu bi prova.*

[27] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*

[28] Dan l-artikolu jgħid hekk: *L-ammissjoni magħmula barra mill-qorti ma tagħmilx prova ħlief kontra l-parti li tagħmilha.*

Illi, eżaminat l-assjem tal-provi in atti, għalkemm dawn għandhom naturalment il-kunflitt inerenti normali tagħhom[29], it-Tribunal iqis aktar raġonata t-teżi tal-attriċi milli d-difiża mhux pruvata tal-konvenut. Dan huwa hekk deċiż, għalkemm kif solitu wieħed isib f'dawn it-tip ta' kawżi, l-kontendenti jagħtu xejra totalment differenti għal dak li verament seħħ bejniethom[30].

---

[29] F'dan is-sens utli li ssir referenza, u li jiġi ċitat l-bran rilevanti b'mod globali, dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Novembru 1966. Issa, huwa minnu li partijiet minn dan il-bran ġie utilizzat diversi drabi mill-Qrati tagħna, iżda dan it-Tribunal iqis doveruż li, kif diġa indikat, jiċċita l-bran rilevanti kollu. Fis-sentenza intqal hekk: *" Illi huwa veru li hemm konflit kbir bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut iżda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu iħalli lill-Qorti f'dak li stat ta' perplessitá li minħabba fieh ma tkunx tista tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa fuq ir-regola tal "in dubio pro reo". Il-konflitt fill-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għal li żbalji tal-perċezjonijiet tiegħu u għall passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati iridu ikunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad li "tot homines tot sententia", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarrieda, e.g. identita', veloċita', ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperienza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li ikunu setgħu ġew osservati f'periodu twil ta' snin, bħal f'dan il-kas, allura isir ċar li xi wieħed mill-kontendenti ikun ħalla l-interess u l-passjoni jelbuħ u b'hekk jabbuża mill-proċess tal-ġustizja. Meta il-kas ikun hekk il-Qorti mgħandix taqa' ċomb fuq li skappatoja tad-dubju, imma għanda teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibitlita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitá u tal prepondereanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għal konvinċiment tal-ġudikant, eċċezzjoni ta' xi każijiet gravi li mgħandhomx rassomiljanza mal-kas presenti (Formosa untrinque, P.A. 1964, konfermata fl-Appell, 22 ta'Marzu 1965). Anzi f'kasijiet bħal dawn, ikbar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra ikbar tidher il-possibilitá tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*

[30] Propju fuq kwistjoni ta' donazzjoni, tinħass il-ħtieġa li ssir referenza *in extensio* għal dak li ġie maġistralment dikjarat *obiter* mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Rosina Gauci vs Antonia armla Borg,** mogħtija nhar il-4 ta' Frar 1965 fejn intqal hekk: *"Jekk l-attriċi tippretendi li l-flus saru tagħha dan ma tistax tippruvaħ ħlief bit-titolu ta' donazzjoni. Biex ikun hemm donazzjoni, apparti mill-kwistjoni tal-formalitajiet rikjesti, - salvo fil-każijiet eċċettwati "ad substantiam", irid ikun hemm l-animu tal-liberalitá, sakemm ma jkunx xi każ ta' donazzjoni rimuneratorja. Il-provi fuq in-natura tar-rapport bejn il-partijiet f'dan ir-rigward huwma konfliġġenti kif soltu jiġri f'każijiet bħal dawn, għax sa meta r-relazzjonijiet familjari jkunu għadhom tajbin kollox isir "alla buona" u bi ftit rigward għall-esiżenzi probatizji futuri, u mbagħad wara, meta jibdew id-dissidji, il-fatti ġia minnhom konfusi jkomplu jikkonfondu ruħhom għall-agħar bit-testimonjanzi kuluriti bl-ispirtu partiġjan.* ***Il-***

Illi wara kollox, l-konvenut stess jagħti x'jifhem diversi drabi fil-kontro-eżami tiegħu li huwa kien lest iħallas xi ammonti[31]. L-intenzjoni tiegħu li jħallas xi ammonti lura juri biċ-ċar li fil-verità l-ammonti minnu utilizzati kienu propju self u mhux xi rigal. Fil-ħin li ntraddu l-flus dejjem kienet waħda li riedet ir-ritorn tal-ammonti żborsati u mhux li l-attriċi tinħeles minn dawn l-ammonti bl-animu ta' donatur[32]. Dan m'huwiex kas ta' ripensament da parti tal-attriċi wara li jkun għadda donazzjoni[33], kif donnu jrid jagħti x'jifhem il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Ma ntwera l-ebda skop da parti tal-attriċi li tarrikkixxi lill-konvenut[34].

***Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha preskritta mill-liġi lankra tas-salvataġġ tar-regola tal-oneru tal-prova." (enfasi miżjuda tat-Tribunal).***

[31] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Therese Agius vs Joanna Beirnie,** (App Ċiv Nru: 260/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-1 ta' Lulju 2022 fejn propju fuq ċirkostanza simili dik il-Qorti qalet hekk: *"Din il-Qorti tqis li l-fatt li l-appellata laħqet ħallset lura parti mis-somma li kienet ġiet ivversata lilha, kellu jikkostitwixxi l-prova reġina li l-flus li l-appellanta għaddiet lill-appellata ma kellhomx jitqiesu bħala għotja, iżda kienu self. L-appellata ppruvat tispjega dak li ġara billi qalet li ommha talbitha ħlas lura ta' parti mill-imsemmija somma fi żmien il-Milied, u ma riditx li jinqalgħu kwistjonijiet bejn il-partijiet proprju f'dak iż-żmien. Għall-Qorti iżda, il-fatt li l-appellata ħallset lura kwint mit-total li kienet ivversatilha ommha, jikkostitwixxi prova biżżejjed li l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien li ssomma li ħallset l-appellanta lil bintha kellha tintradd lura lilha. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu"*

[32] Il-ġurist **Luigi Mattirolo** jispjega l-kunċett dan bil-mod segwenti: *"A nostro avviso, la tradizione é un fatto sempliċi, e non convenzionale, solo quando essa costituisce purament l'esecuzione di un accordo preċedenti, giá leġittimament provato. Ma nella donazione manuale occorre la tradizione animo donanti, la quale costituisce, come ciá dicemmo, l'essenza stessa dell' atto: in siffatta tradizione si manifesta e si concreta la volontà del donante, l'accettazzione del donatario, e l'esecuzione contemporancea dell' accordo di queste due persone".* – Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, IV ediz, Vol II, Fratelli Bocca Editori, para 324, a fol 284.

[33] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak meqjus u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline Vella Moran vs Concetta Abela,** (Rik Nru: 1010/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2017.

[34] L-awturti **Andrea Torrente u Piero Schlesinger** fl-opra tagħhom Manuale di Diritto Privato jgħidu hekk: *"l'arricchimento puo realizzarsi o disponendo di un diritto (il che puoó avvenire si trasmettendo al donatario il diritto stesso, sia costituendo a favore del donatario un diritto reale gravante su un bel bene del donante: es. Donazione di usufrutto; nella maggior parte dei case la donazione consiste nel trasferimenti di un diritto reale, ma potrebbe anche darsi l'ipotesi della donazione di un credito) o assumendo un'obbligazione nei confronti del donatario, purché non si tratti di un facere (non rimango vincolato se mi impegno a restaurare*

Illi t-Tribunal kellu l-okkażjoni sabiex jara l-komportament tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda[35]. Anke f'dan ir-rigward iqis li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut m'hijiex waħda affidabbli u purament soġġettiva[36]. Per eżempju, huwa jgħid li huwa kkoabita mal-attriċi fl-eċċezzjoni tiegħu, pero mbagħad saħansitra

---

*senza corrispettivo un eficidio).* Ukoll, il-ġuristi Baudry-Lacantineri u Colin, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** jgħidu hekk *"Colla donazione il donante si impoverisce per arricchire il donatario:* – CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti, Vol 1, para 17 a fol 6.

[35] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015. Ukoll, għalkemm fi proċeduri in sede penali, t-Tribunal jagħmel riljev għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** mogħtija nhar it-30 ta' Marzu 1963, fejn intqal hekk: *"Lanqas hu traskurabili l-fatt li lewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia, kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jingħad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilitá (ara Powell, On Evidence, b. 505), u kien, għalhekk, li ingħad mill-Qrati Ingliż, segwiti anki mill-Qrati tagħna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the Judge of first instance has arribed" (idem, p. 700), appuntu għaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

[36] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

jasal jirrifjuta li kien hemm rapport aktar intimu bejniethom, anzi jgħid li kienu sempliċi ħbieb. Apparti minn hekk, kien verament evażiv fuq ir-rapport tagħhom, meta dan ma jiċċentra xejn ma dan il-każ. Jekk ma kienx affidabbli fuq l-aktar affarijiet bażiċi, allura ftit tista tingħata affidabilita' lill-verżjoni tiegħu fejn jammetti li wħud mill-affarijiet huma dovuti, imma oħrajn le.

Illi fil-verità l-konvenut ħawwad ħafna fix-xhieda tiegħu, b'mod speċjali meta ġie rinfaċċjat bil-kontro-eżami. Hawnhekk jikkontradixxi lilu nnifsu kemm il-darba. F'ħin minnhom ma jaċċettax li rċieva ammonti oħra, u f'mument ieħor jgħid li huwa ħallas lura. Għall-konvenut jgħodd b'mod totali l-massima li *falsus in uno, falsus in omnibus*[37].

Illi wkoll, t-Tribunal qajla jifhem għala fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut jgħid li l-azzjoni m'hijiex permissibbli għaliex din m'hijiex azzjoni a tenur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 5 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk hu fil-fatt, iżda dan ma jfissirx li l-attriċi m'għandhiex dritt għar-rimbors tal-ammont misluf minnha. Bl-istess mod, ma jsib xejn fir-relazzjoni attwali li b'xi mod huwa afflitt bl-artikolu 987 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[38].

Illi aċċertat dan, madankollu, t-Tribunal ma jistax jakkolji aktar minn dak mitlub fit-talba. Dan jingħad għaliex it-Tribunal irid joqgħod strettament mal-parametri u l-ammont mitlub fl-Avviż tat-Talba. Għad li jidher li l-attriċi trid ammont akbar minn dak mitlub[39], l-ammont li jista jingħata huwa biss dak indikat fl-Avviż. Dwar dan ma hemmx ħtieġa ta' elaborazzjoni ulterjuri.

---

[37] "*Chi é falso su di un punto é falso su tutti*" - Brocard 1710, **<u>Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini</u>**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 172.
[38] Paragrafu 6 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.
[39] F'dan is-sens issir referenza għal dak indikat a fol 31 tal-proċess. Dan id-dokument juri ċifra akbar minn dak ammont inizjalment mitlub f'dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqá t-talba tal-attriċi u għalhekk jordna li l-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammont ta' tlett elef, ħames mija, sitta u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€3,526.35ċ) bl-imgħax legali mit-30 ta' Jannar 2020[40] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[40] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.